ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 140 A

Volum 54

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

11 ta' Mejju 2011

Avviż Nru | Werrej | Paġna

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)

2011/C 140 A/01 Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali — EPSO/AD/208-214/11 Ġuristi lingwisti (BG/ET/HU/MT/PL/SL/SV) 1

MT

Prezz: EUR 3

BG: Европейската служба за подбор на персонал (EPSO) организира следните конкурси на общо основание

EPSO/AD/208/11 — Юрист-лингвисти с български език (BG)
EPSO/AD/209/11 — Юрист-лингвисти с естонски език (ET)
EPSO/AD/210/11 — Юрист-лингвисти с унгарски език (HU)
EPSO/AD/211/11 — Юрист-лингвисти с малтийски език (MT)
EPSO/AD/212/11 — Юрист-лингвисти с полски език (PL)
EPSO/AD/213/11 — Юрист-лингвисти със словенски език (SL)
EPSO/AD/214/11 — Юрист-лингвисти с шведски език (SV)

Допълнителна информация за конкурсите е поместена на уебсайта на EPSO http://eu-careers.eu.

ES: La Oficina Europea de Selección de Personal (EPSO) organiza las siguientes oposiciones generales.

EPSO/AD/208/11 — Juristas lingüistas de lengua búlgara (BG)
EPSO/AD/209/11 — Juristas lingüistas de lengua estonia (ET)
EPSO/AD/210/11 — Juristas lingüistas de lengua húngara (HU)
EPSO/AD/211/11 — Juristas lingüistas de lengua maltesa (MT)
EPSO/AD/212/11 — Juristas lingüistas de lengua polaca (PL)
EPSO/AD/213/11 — Juristas lingüistas de lengua eslovena (SL)
EPSO/AD/214/11 — Juristas lingüistas de lengua sueca (SV)

Para más información, consúltese la página web de EPSO: http://eu-careers.eu.

CS: Evropský úřad pro výběr personálu (EPSO) pořádá následující výběrová řízení:

EPSO/AD/208/11 – Právníci-lingvisté s bulharským jazykem (BG)
EPSO/AD/209/11 – Právníci-lingvisté s estonským jazykem (ET)
EPSO/AD/210/11 – Právníci-lingvisté s maďarským jazykem (HU)
EPSO/AD/211/11 – Právníci-lingvisté s maltským jazykem (MT)
EPSO/AD/212/11 – Právníci-lingvisté s polským jazykem (PL)
EPSO/AD/213/11 – Právníci-lingvisté se slovinským jazykem (SL)
EPSO/AD/214/11 – Právníci-lingvisté se švédským jazykem (SV)

Veškeré informace jsou k dispozici na internetové stránce úřadu EPSO http://eu-careers.eu.

DA: Det Europæiske Personaleudvælgelseskontor (EPSO) afholder følgende almindelige udvælgelsesprøver:

EPSO/AD/208/11 — Bulgarsksprogede juristlingvister (BG)
EPSO/AD/209/11 — Estisksprogede juristlingvister (ET)
EPSO/AD/210/11 — Ungarsksprogede juristlingvister (HU)
EPSO/AD/211/11 — Maltesisksprogede juristlingvister (MT)
EPSO/AD/212/11 — Polsksprogede juristlingvister (PL)
EPSO/AD/213/11 — Slovensksprogede juristlingvister (SL)
EPSO/AD/214/11 — Svensksprogede juristlingvister (SV)

Yderligere oplysninger kan findes på EPSO's websted: http://eu-careers.eu.

DE: Das Europäische Amt für Personalauswahl (EPSO) führt folgende allgemeine Auswahlverfahren durch:

EPSO/AD/208/11 — Rechts- und Sprachsachverständige für die bulgarische Sprache (BG)
EPSO/AD/209/11 — Rechts- und Sprachsachverständige für die estnische Sprache (ET)
EPSO/AD/210/11 — Rechts- und Sprachsachverständige für die ungarische Sprache (HU)
EPSO/AD/211/11 — Rechts- und Sprachsachverständige für die maltesische Sprache (MT)
EPSO/AD/212/11 — Rechts- und Sprachsachverständige für die polnische Sprache (PL)
EPSO/AD/213/11 — Rechts- und Sprachsachverständige für die slowenische Sprache (SL)
EPSO/AD/214/11 — Rechts- und Sprachsachverständige für die schwedische Sprache (SV)

Weitere Informationen finden sich auf der EPSO-Webseite http://eu-careers.eu.

ET: Euroopa Personalivaliku Amet (EPSO) korraldab järgmised avalikud konkursid

EPSO/AD/208/11 — Bulgaaria (BG) keele jurist-lingvistid
EPSO/AD/209/11 — Eesti (ET) keele jurist-lingvistid
EPSO/AD/210/11 — Ungari (HU) keele jurist-lingvistid
EPSO/AD/211/11 — Malta (MT) keele jurist-lingvistid
EPSO/AD/212/11 — Poola (PL) keele jurist-lingvistid
EPSO/AD/213/11 — Sloveeni (SL) keele jurist-lingvistid
EPSO/AD/214/11 — Rootsi (SV) keele jurist-lingvistid

Lisateave on esitatud EPSO veebisaidil http://eu-careers.eu.

EL: Η Ευρωπαϊκή Υπηρεσία Επιλογής Προσωπικού (EPSO) διοργανώνει τους γενικούς διαγωνισμούς

EPSO/AD/208/11 — Γλωσσομαθείς νομικοί βουλγαρικής γλώσσας (BG)
EPSO/AD/209/11 — Γλωσσομαθείς νομικοί εσθονικής γλώσσας (ET)
EPSO/AD/210/11 — Γλωσσομαθείς νομικοί ουγγρικής γλώσσας (HU)
EPSO/AD/211/11 — Γλωσσομαθείς νομικοί μαλτέζικης γλώσσας (MT)
EPSO/AD/212/11 — Γλωσσομαθείς νομικοί πολωνικής γλώσσας (PL)
EPSO/AD/213/11 — Γλωσσομαθείς νομικοί σλοβενικής γλώσσας (SL)
EPSO/AD/214/11 — Γλωσσομαθείς νομικοί σουηδικής γλώσσας (SV)

Περισσότερες πληροφορίες δημοσιεύονται στον δικτυακό τόπο της EPSO: http://eu-careers.eu.

EN: The European Personnel Selection Office (EPSO) is organising the following open competitions:

EPSO/AD/208/11 — Bulgarian-language (BG) lawyer-linguists
EPSO/AD/209/11 — Estonian-language (ET) lawyer-linguists
EPSO/AD/210/11 — Hungarian-language (HU) lawyer-linguists
EPSO/AD/211/11 — Maltese-language (MT) lawyer-linguists
EPSO/AD/212/11 — Polish-language (PL) lawyer-linguists
EPSO/AD/213/11 — Slovenian-language (SL) lawyer-linguists
EPSO/AD/214/11 — Swedish-language (SV) lawyer-linguists

Further details can be found on the EPSO website: http://eu-careers.eu

FR: L'Office européen de sélection du personnel (EPSO) organise les concours généraux

EPSO/AD/208/11 — Juristes linguistes de langue bulgare (BG)
EPSO/AD/209/11 — Juristes linguistes de langue estonienne (ET)
EPSO/AD/210/11 — Juristes linguistes de langue hongroise (HU)
EPSO/AD/211/11 — Juristes linguistes de langue maltaise (MT)
EPSO/AD/212/11 — Juristes linguistes de langue polonaise (PL)
EPSO/AD/213/11 — Juristes linguistes de langue slovène (SL)
EPSO/AD/214/11 — Juristes linguistes de langue suédoise (SV)

Des informations complémentaires se trouvent sur le site de l'EPSO (http://eu-careers.eu).

GA: Tá an Oifig Eorpach um Roghnú Foirne (EPSO) ag eagrú comórtas oscailte

EPSO/AD/208/11 — Dlítheangeolaithe bulgáirise (BG)
EPSO/AD/209/11 — Dlítheangeolaithe eastóinise (ET)
EPSO/AD/210/11 — Dlítheangeolaithe ungáirise (HU)
EPSO/AD/211/11 — Dlítheangeolaithe máltaise (MT)
EPSO/AD/212/11 — Dlítheangeolaithe polainnise (PL)
EPSO/AD/213/11 — Dlítheangeolaithe slóivéinise (SL)
EPSO/AD/214/11 — Dlítheangeolaithe sualainnise (SV)

Tá tuilleadh eolais ar fáil ar shuíomh gréasáin EPSO (http://eu-careers.eu).

IT: L'Ufficio europeo di selezione del personale (EPSO) organizza i seguenti concorsi generali:

EPSO/AD/208/11 — Giuristi linguisti di lingua bulgara (BG)
EPSO/AD/209/11 — Giuristi linguisti di lingua estone (ET)
EPSO/AD/210/11 — Giuristi linguisti di lingua ungherese (HU)
EPSO/AD/211/11 — Giuristi linguisti di lingua maltese (MT)
EPSO/AD/212/11 — Giuristi linguisti di lingua polacca (PL)
EPSO/AD/213/11 — Giuristi linguisti di lingua slovena (SL)
EPSO/AD/214/11 — Giuristi linguisti di lingua svedese (SV)

Per ulteriori informazioni consultare il sito dell'EPSO http://eu-careers.eu

LV: Eiropas Personāla atlases birojs (*EPSO*) rīko atklātus konkursus:

EPSO/AD/208/11 — Juristi lingvisti, kuru galvenā valoda ir bulgāru valoda (BG)
EPSO/AD/209/11 — Juristi lingvisti, kuru galvenā valoda ir igauņu valoda (ET)
EPSO/AD/210/11 — Juristi lingvisti, kuru galvenā valoda ir ungāru valoda (HU)
EPSO/AD/211/11 — Juristi lingvisti, kuru galvenā valoda ir maltiešu valoda (MT)
EPSO/AD/212/11 — Juristi lingvisti, kuru galvenā valoda ir poļu valoda (PL)
EPSO/AD/213/11 — Juristi lingvisti, kuru galvenā valoda ir slovēņu valoda (SL)
EPSO/AD/214/11 — Juristi lingvisti, kuru galvenā valoda ir zviedru valoda (SV)

Sīkāka informācija atrodama *EPSO* tīmekļa vietnē http://eu-careers.eu.

LT: Europos personalo atrankos tarnyba (EPSO) rengia viešus konkursus:

EPSO/AD/208/11 — Bulgarų kalbos (BG) teisininkų-lingvistų pareigoms
EPSO/AD/209/11 — Estų kalbos (ET) teisininkų-lingvistų pareigoms
EPSO/AD/210/11 — Vengrų kalbos (HU) teisininkų-lingvistų pareigoms
EPSO/AD/211/11 — Maltiečių kalbos (MT) teisininkų-lingvistų pareigoms
EPSO/AD/212/11 — Lenkų kalbos (PL) teisininkų-lingvistų pareigoms
EPSO/AD/213/11 — Slovėnų kalbos (SL) teisininkų-lingvistų pareigoms
EPSO/AD/214/11 — Švedų kalbos (SV) teisininkų-lingvistų pareigoms

Papildomos informacijos galima rasti EPSO interneto svetainėje http://eu-careers.eu.

HU: Az Európai Személyzeti Felvételi Hivatal (EPSO) az alábbi nyílt versenyvizsgákat szervezi:

EPSO/AD/208/11 – Bolgár nyelvű (BG) jogász-nyelvész
EPSO/AD/209/11 – Észt nyelvű (ET) jogász-nyelvész
EPSO/AD/210/11 – Magyar nyelvű (HU) jogász-nyelvész
EPSO/AD/211/11 – Máltai nyelvű (MT) jogász-nyelvész
EPSO/AD/212/11 – Lengyel nyelvű (PL) jogász-nyelvész
EPSO/AD/213/11 – Szlovén nyelvű (SL) jogász-nyelvész
EPSO/AD/214/11 – Svéd nyelvű (SV) jogász-nyelvész

További információk az EPSO honlapján találhatók: http://eu-careers.eu

MT: L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza dawn il-kompetizzjonijiet ġenerali

EPSO/AD/208/11 — Ġuristi lingwisti tal-lingwa Bulgara (BG)
EPSO/AD/209/11 — Ġuristi lingwisti tal-lingwa Estonjana (ET)
EPSO/AD/210/11 — Ġuristi lingwisti tal-lingwa Ungeriża (HU)
EPSO/AD/211/11 — Ġuristi lingwisti tal-lingwa Maltija (MT)
EPSO/AD/212/11 — Ġuristi lingwisti tal-lingwa Pollakka (PL)
EPSO/AD/213/11 — Ġuristi lingwisti tal-lingwa Slovena (SL)
EPSO/AD/214/11 — Ġuristi lingwisti tal-lingwa Svediża (SV)

Għal aktar informazzjoni kkonsulta s-sit tal-EPSO http://eu-careers.eu.

NL: Het Europees Bureau voor personeelsselectie (EPSO) organiseert de volgende algemene vergelijkende onderzoeken

EPSO/AD/208/11 — Juristen-linguïsten voor het Bulgaars (BG)
EPSO/AD/209/11 — Juristen-linguïsten voor het Ests (ET)
EPSO/AD/210/11 — Juristen-linguïsten voor het Hongaars (HU)
EPSO/AD/211/11 — Juristen-linguïsten voor het Maltees (MT)
EPSO/AD/212/11 — Juristen-linguïsten voor het Pools (PL)
EPSO/AD/213/11 — Juristen-linguïsten voor het Sloveens (SL)
EPSO/AD/214/11 — Juristen-linguïsten voor het Zweeds (SV)

Aanvullende informatie is beschikbaar op de website van EPSO: http://eu-careers.eu.

PL: Europejski Urząd Doboru Kadr (EPSO) organizuje następujące konkursy otwarte:

EPSO/AD/208/11 — Prawnicy lingwiści języka bułgarskiego (BG)
EPSO/AD/209/11 — Prawnicy lingwiści języka estońskiego (ET)
EPSO/AD/210/11 — Prawnicy lingwiści języka węgierskiego (HU)
EPSO/AD/211/11 — Prawnicy lingwiści języka maltańskiego (MT)
EPSO/AD/212/11 — Prawnicy lingwiści języka polskiego (PL)
EPSO/AD/213/11 — Prawnicy lingwiści języka słoweńskiego (SL)
EPSO/AD/214/11 — Prawnicy lingwiści języka szwedzkiego (SV)

Szczegółowe informacje można znaleźć na stronie internetowej EPSO http://eu-careers.eu.

PT: O Serviço Europeu de Selecção de Pessoal (EPSO) organiza os concursos gerais seguintes:

EPSO/AD/208/11 — Juristas linguistas de língua búlgara (BG)
EPSO/AD/209/11 — Juristas linguistas de língua estónia (ET)
EPSO/AD/210/11 — Juristas linguistas de língua húngara (HU)
EPSO/AD/211/11 — Juristas linguistas de língua maltesa (MT)
EPSO/AD/212/11 — Juristas linguistas de língua polaca (PL)
EPSO/AD/213/11 — Juristas linguistas de língua eslovena (SL)
EPSO/AD/214/11 — Juristas linguistas de língua sueca (SV)

Podem ser obtidas informações complementares no sítio do EPSO: http://eu-careers.eu.

RO: Oficiul European pentru Selecția Personalului (EPSO) organizează concursurile generale:

EPSO/AD/208/11 – Juriști lingviști de limbă bulgară (BG)
EPSO/AD/209/11 – Juriști lingviști de limbă estonă (ET)
EPSO/AD/210/11 – Juriști lingviști de limbă maghiară (HU)
EPSO/AD/211/11 – Juriști lingviști de limbă malteză (MT)
EPSO/AD/212/11 – Juriști lingviști de limbă polonă (PL)
EPSO/AD/213/11 – Juriști lingviști de limbă slovenă (SL)
EPSO/AD/214/11 – Juriști lingviști de limbă suedeză (SV)

Puteți obține informații suplimentare pe site-ul EPSO: http://eu-careers.eu.

SK: Európsky úrad pre výber pracovníkov (EPSO) organizuje verejné výberové konania:

EPSO/AD/208/11 – Právnici lingvisti pre bulharský jazyk (BG)
EPSO/AD/209/11 – Právnici lingvisti pre estónsky jazyk (ET)
EPSO/AD/210/11 – Právnici lingvisti pre maďarský jazyk (HU)
EPSO/AD/211/11 – Právnici lingvisti pre maltský jazyk (MT)
EPSO/AD/212/11 – Právnici lingvisti pre poľský jazyk (PL)
EPSO/AD/213/11 – Právnici lingvisti pre slovinský jazyk (SL)
EPSO/AD/214/11 – Právnici lingvisti pre švédsky jazyk (SV)

Úplné informácie sú k dispozícii na webovej stránke úradu EPSO: http://eu-careers.eu.

SL: Evropski urad za izbor osebja (EPSO) organizira naslednje javne natečaje:

EPSO/AD/208/11 – Pravniki lingvisti za bolgarski jezik (BG)
EPSO/AD/209/11 – Pravniki lingvisti za estonski jezik (ET)
EPSO/AD/210/11 – Pravniki lingvisti za madžarski jezik (HU)
EPSO/AD/211/11 – Pravniki lingvisti za malteški jezik (MT)
EPSO/AD/212/11 – Pravniki lingvisti za poljski jezik (PL)
EPSO/AD/213/11 – Pravniki lingvisti za slovenski jezik (SL)
EPSO/AD/214/11 – Pravniki lingvisti za švedski jezik (SV)

Dodatne informacije so na voljo na spletišču urada EPSO: http://eu-careers.eu.

FI: Euroopan unionin henkilöstövalintatoimisto (EPSO) järjestää seuraavat avoimet kilpailut:

EPSO/AD/208/11 – Bulgariankieliset (BG) lingvistijuristit
EPSO/AD/209/11 – Vironkieliset (ET) lingvistijuristit
EPSO/AD/210/11 – Unkarinkieliset (HU) lingvistijuristit
EPSO/AD/211/11 – Maltankieliset (MT) lingvistijuristit
EPSO/AD/212/11 – Puolankieliset (PL) lingvistijuristit
EPSO/AD/213/11 – Sloveeninkieliset (SL) lingvistijuristit
EPSO/AD/214/11 – Ruotsinkieliset (SV) lingvistijuristit

Lisätietoja EPSOn verkkosivuilla http://eu-careers.eu.

SV: Europeiska rekryteringsbyrån (Epso) anordnar följande allmänna uttagningsprov:

EPSO/AD/208/11 – Bulgariskspråkiga juristlingvister (BG)**
EPSO/AD/209/11 – Estniskspråkiga juristlingvister (ET)**
EPSO/AD/210/11 – Ungerskspråkiga juristlingvister (HU)**
EPSO/AD/211/11 – Maltesiskspråkiga juristlingvister (MT)**
EPSO/AD/212/11 – Polskspråkiga juristlingvister (PL)**
EPSO/AD/213/11 – Slovenskspråkiga juristlingvister (SL)**
EPSO/AD/214/11 – Svenskspråkiga juristlingvister (SV)**

Närmare upplysningar finns på Epsos webbplats http://eu-careers.eu

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI

EPSO/AD/208-214/11

ĠURISTI LINGWISTI (BG/ET/HU/MT/PL/SL/SV)

(2011/C 140 A/01)

Interessat f'karriera fl-istituzzjonijiet Ewropej?
Il-profil tiegħek jikkorrispondi mal-kriterji tagħna?
Mela applika
Agħti lilek innifsek iċ-ċans li tirnexxi

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjonijiet ġenerali abbażi ta' kwalifiki u testijiet sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' Ġuristi Lingwisti (*)) (AD 7).

EPSO/AD/208/11 — ĠURISTI LINGWISTI TAL-LINGWA BULGARA (BG)
EPSO/AD/209/11 — ĠURISTI LINGWISTI TAL-LINGWA ESTONJANA (ET)
EPSO/AD/210/11 — ĠURISTI LINGWISTI TAL-LINGWA UNGERIŻA (HU)
EPSO/AD/211/11 — ĠURISTI LINGWISTI TAL-LINGWA MALTIJA (MT)
EPSO/AD/212/11 — ĠURISTI LINGWISTI TAL-LINGWA POLLAKKA (PL)
EPSO/AD/213/11 — ĠURISTI LINGWISTI TAL-LINGWA SLOVENA (SL)
EPSO/AD/214/11 — ĠURISTI LINGWISTI TAL-LINGWA SVEDIŻA (SV)

L-għan ta' dawn il-kompetizzjonijiet hu li jinħolqu listi ta' riżerva maħsuba biex jimtlew xi pożizzjonijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali C 184 A tat-8 ta' Lulju 2010 kif ukoll fuq is-sit internet tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

(*) F'dan l-avviż, kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

WERREJ

I. **QAFAS ĠENERALI**

II. **DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET**

III. **KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI**

IV. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦAŻLA ABBAŻI TAL-KWALIFIKI**

V. **TEST PRELIMINARI FUQ KOMPJUTER**

VI. **KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

VII. **LISTI TA' RIŻERVA**

VIII. **KIF TAPPLIKA?**

I. QAFAS ĠENERALI

		Qasam QĠ	Qasam PE/KUNSILL
1. **Numru ta' kandidati magħżula skont il-kompetizzjoni u l-qasam**	**EPSO/AD/208/11 — BG**	**9**	**5**
	EPSO/AD/209/11 — ET	**6**	**5**
	EPSO/AD/210/11 — HU	**14**	**7**
	EPSO/AD/211/11 — MT	**6**	**—**
	EPSO/AD/212/11 — PL	**14**	**5**
	EPSO/AD/213/11 — SL	**—**	**5**
	EPSO/AD/214/11 — SV	**7**	**5**
2. **Kummenti**	Ċerti kompetizzjonijiet jinkludu żewġ oqsma, filwaqt li oħrajn jinkludu wieħed biss. Int tista' tapplika għal waħda biss minn dawn is-seba' kompetizzjonijiet u għal qasam wieħed biss. Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-applikazzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku. **Dawn il-kompetizzjonijiet huma maħsuba għall-kandidati li għandhom kompetenza perfetta, kemm fil-kitba kif ukoll fl-oral, fil-lingwa tal-kompetizzjoni (fil-livell tal-lingwa materna jew ekwivalenti). Jekk m'għandekx dan il-livell, inti mhegġeġ ma tapplikax.**		

II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

L-Istituzzjonijiet Ewropej qed jirreklutaw ġuristi kwalifikati ħafna u li għandhom ikunu kapaċi jittraduċu/jirrevedu testi ġuridiċi/leġiżlattivi li ħafna drabi jkunu kumplessi, minn tal-inqas żewġ lingwi. Sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, il-ġuristi lingwisti għandhom jużaw għodda standard tal-informatika kif ukoll għodda tal-uffiċċju.

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"	**Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"**
Traduzzjoni, għal-lingwa tal-kompetizzjoni, minn tal-inqas żewġ lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea, ta' testi ġuridiċi (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, konklużjonijiet tal-avukati ġenerali, osservazzjonijiet bil-miktub tal-partijiet, eċċ.) u analiżi ġuridika b'kollaborazzjoni mar-Reġistru u d-dipartimenti l-oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja.	Segwitu tal-proċedura leġiżlattiva u verifika tal-korrelazzjoni lingwistika u ġuridika tat-testi leġiżlattivi fil-lingwa tal-kompetizzjoni, diġà tradotti u riveduti, fir-rigward ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra ta' dawn it-testi; verifika tal-kwalità tat-tfassil tagħhom u tal-konformità tagħhom mar-regoli fir-rigward tal-preżentazzjoni formali. Kuntatt frekwenti mal-atturi differenti kkonċernati fil-proċedura leġiżlattiva. Traduzzjoni okkażjonali ta' testi ġuridiċi qosra, speċjalment mill-Ingliż jew mill-Franċiż.

III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

Fid-data tal-għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika, int għandek tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

1. Kundizzjonijiet ġenerali

a) Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
b) Tgawdi d-drittijiet ċivili tiegħek.
c) Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli għas-servizz militari.
d) Tipproduċi r-referenzi dwar il-karattru meħtieġa, li juru li int tajjeb biex twettaq il-funzjonijiet previsti.

2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1.	**Kwalifiki** Ara l-Anness
2.2.	**Għarfien lingwistiku** **Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin:** BG (Bulgaru) FI (Finlandiż) NL (Olandiż) CS (Ċek) FR (Franċiż) PL (Pollakk) DA (Daniż) GA (Irlandiż) PT (Portugiż) DE (Ġermaniż) HU (Ungeriż) RO (Rumen) EL (Grieg) IT (Taljan) SK (Slovakk) EN (Ingliż) LT (Litwan) SL (Sloven) ES (Spanjol) LV (Latvjan) SV (Svediż) ET (Estonjan) MT (Malti)
Lingwa 1	**Il-lingwa ewlenija** kompetenza perfetta fil-lingwa tal-kompetizzjoni
Lingwa 2	**l-ewwel lingwa sors (li għandha tkun differenti mil-lingwa 1)** għarfien fil-fond tal-lingwa 2
Lingwa 3	**it-tieni lingwa sors (li għandha tkun differenti mil-lingwi 1 u 2)** għarfien fil-fond tal-lingwa 3 L-għarfien u l-abbinamenti lingwistiċi meħtieġa għal kull kompetizzjoni u għal kull qasam huma deskritti fl-Anness.
Nota Bene	**Żomm f'moħħok li t-testijiet f) u g) dwar il-kompetenzi ġenerali se jinżammu bil-Ġermaniż, bl-Ingliż jew bil-Franċiż.**

IV. AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦAŻLA ABBAŻI TAL-KWALIFIKI

1. Ammissjoni għall-kompetizzjoni

Ir-risposti tiegħek għall-mistoqsijiet dwar il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi se jkunu pproċessati sabiex jiġi ddeterminat jekk inti tagħmilx parti mil-lista tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni. Għall-bidu, din l-evalwazzjoni ssir abbażi tad-dikjarazzjonijiet li tkun ipprovdejt fl-applikazzjoni tiegħek.

2. **Għażla abbażi tal-kwalifiki**

Fil-każ li n-numru tal-kandidati ammessi jkun mhux inqas minn għoxrin darba n-numru ta' kandidati magħżula skont il-kompetizzjoni u skont il-qasam f'kull kompetizzjoni, il-bord tal-għażla se jagħżel abbażi tal-kwalifiki sabiex jidentifika, fost il-kandidati ammessi għall-kompetizzjoni, dawk li għandhom l-iktar kwalifiki rilevanti (speċjalment diplomi, esperjenza professjonali) fid-dawl tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-kriterji għall-għażla deskritti f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni. Din l-għażla titwettaq **biss** fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek ipprovduti fis-sezzjoni "evalwazzjoni tal-kapaċitajiet" ("Talent Screener") u ssir f'żewġ stadji:

— l-ewwel għażla abbażi tal-kwalifiki issir **biss** fuq il-bażi tar-risposti mmarkati fis-sezzjoni "evalwazzjoni tal-kapaċitajiet" ("Talent Screener") tal-applikazzjoni u skont il-piż ta' kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet. Skont l-importanza moġħtija lil kull kriterju msemmi fil-punt 3 tal-Anness ta' dan l-Avviż, il-bord tal-għażla jistabbilixxi piż (minn 1 sa 3). Imbagħad, l-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jkunu kisbu l-ikbar numru ta' punti jgħaddu għat-tieni għażla;

— In-numru ta' fajls eżaminati waqt din it-tieni għażla jikkorrespondi, skont il-kompetizzjoni u skont il-qasam, bejn wieħed u ieħor għal 6 darbiet in-numru ta' kandidati mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni. Il-bord tal-għażla jeżamina r-risposti tal-kandidati u jagħti marka minn 0 sa 4 lil kull risposta, u din il-marka tkun immultiplikata bil-piż ta' kull mistoqsija.

Imbagħad, il-bord tal-għażla jistabbilixxi klassifika ([1]) tal-kandidati skont dawn il-marki. Il-kandidati li jkunu kisbu l-aħjar marki ([2]) fl-għażla abbażi tal-kwalifiki (mhux iktar minn 20 darba n-numru ta' kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni, skont il-kompetizzjoni u skont il-qasam) jiġu mistiedna għat-test preliminari. Dan in-numru se jiġi ppubblikat fis-sit internet tal-EPSO (www.eu-careers.eu).

Fil-każ fejn in-numru ta' kandidati ammessi jkun inqas minn għoxrin darba n-numru tal-kandidati magħżula u b'hekk ma jiġġustifikax għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jistieden għat-test preliminari l-kandidati kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni.

3. **Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati**

Meta joħorġu r-riżultati taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, u fid-dawl ta' dawn ir-riżultati, id-dikjarazzjonijiet li jsiru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom se jiġu vverifikati mill-EPSO għall-kundizzjonijiet ġenerali kif ukoll mill-bord tal-għażla għall-kundizzjonijiet speċifiċi u l-għażla abbażi tal-kwalifiki (jekk ikun il-każ). Għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki, id-dokumenti ta' prova se jkunu kkunsidrati biss biex jikkonfermaw ir-risposti diġà moġħtija fis-sezzjoni "evalwazzjoni tal-kapaċitajiet" ("talent screener"). Jekk matul din il-verifika jinstab li dawn id-dikjarazzjonijiet mhumiex ikkonfermati mid-dokumenti ta' prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati se jiġu eskluži mill-kompetizzjoni.

Il-verifika ssir, b'ordni dixxendenti ta' mertu, għall-kandidati li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ u waħda mill-aħjar marki tat-test preliminari u taċ-ċentru ta' evalwazzjoni f'daqqa (ara t-Taqsimiet V u VI). Din il-verifika tibqa' ssir sakemm jintlaħaq in-numru ta' kandidati li jistgħu jitniżżlu fil-lista ta' riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni. Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li jikklassifikaw taħt dan in-numru mhux se jiġu eżaminati.

([1]) Il-kandidati li ma ġewx mistiedna jagħmlu t-test preliminari jistgħu jiksbu r-riżultati tal-evalwazzjoni tagħhom kif ukoll il-piż assenjat għal kull mistoqsija mill-Bord tal-Għażla, fuq talba magħmula fi żmien 10 ijiem kalendarji wara li jkunu ġew innotifikati li ma ġewx ammessi għall-kompetizzjoni.

([2]) Fil-każ fejn fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu mistiedna biex jagħmlu t-test preliminari fuq kompjuter.

V. TEST PRELIMINARI FUQ KOMPJUTER

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"	Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"
Traduzzjoni għal-lingwa tal-kompetizzjoni (lingwa 1), mingħajr dizzjunarju, ta' test ġuridiku mfassal fil-lingwa 2.	Traduzzjoni għal-lingwa tal-kompetizzjoni (lingwa 1), mingħajr dizzjunarju, ta' test ġuridiku mfassal fil-lingwa 2.

Dan it-test jingħata marka minn 0 sa 80 punt (minimu meħtieġ: 40).
Dewmien tat-test: madwar sagħtejn.

Il-punti miksuba f'dan it-test u fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni se jingħaddu flimkien biex tinkiseb marka finali.

VI. KOMPETIZZJONI ĠENERALI

1. **Int se tiġi mistieden tmur iċ-ċentru ta' evalwazzjoni**	jekk tkun wieħed mill-kandidati li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ u waħda mill-aħjar marki ([3]) fit-test preliminari fuq kompjuter.
2. **Ċentru ta' evalwazzjoni**	Se tiġi eżaminat fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni, li fil-prinċipju se jsir fil-Lussemburgu u li jdum ġurnata u nofs: A. **fuq il-kapaċitajiet tiegħek fil-qasam tar-raġunament** ([4]) permezz tat-testijiet li ġejjin: a) test ta' raġunament verbali; b) test ta' raġunament numeriku; c) test ta' raġunament astratt; B. **fuq il-kompetenzi speċifiċi tiegħek** d) eżami ta' traduzzjoni għal-lingwa tal-kompetizzjoni, mingħajr dizzjunarju, ta' test ġuridiku mfassal fil-lingwa 3; e) intervista fil-qasam magħżul, maħsuba biex tevalwa l-għarfien speċifiku u l-kompetenza lingwistika tiegħek fil-liġi nazzjonali; preżentazzjoni orali; kif ukoll C. **fuq dawn il-kompetenzi ġenerali li ġejjin:** — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi — Komunikazzjoni — Kwalità u riżultati — Tagħlim u żvilupp — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni — Perseveranza — Ħidma f'tim — Tmexxija Dawn il-kompetenzi huma mfissra fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali. Dawn il-kompetenzi se jiġu eżaminati permezz tat-testijiet li ġejjin: f) intervista strutturata; g) eżerċizzju fi grupp.

([3]) L-għadd ta' kandidati mistiedna jmorru fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrespondi bejn wieħed u ieħor **għal 4 darbiet** in-numru tal-kandidati magħżula (skont il-kompetizzjoni u l-qasam f'kull kompetizzjoni) indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni u li se jiġi ppubblikat fuq is-sit internet tal-EPSO (www.eu-careers.eu) qabel l-istadju tal-ammissjoni. Fil-każ fejn fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

([4]) Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, it-testijiet ta' raġunament jistgħu jsiru fiċ-ċentri tal-eżamijiet fl-Istati Membri, indipendentement minn testijiet oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

3. **Lingwi tat-testijiet**	testijiet a), b), c), d) u e): lingwa 1 testijiet f) u g): Ġermaniż, Ingliż jew Franċiż
4. **Marki**	A. **Kapaċitajiet fil-qasam tar-raġunament** a) verbali: minn 0 sa 20 punt b) numeriku: minn 0 sa 10 punti c) astratt: minn 0 sa 10 punti It-testijiet a), b) u c) mhumiex eliminatorji iżda l-punti tagħhom se jkunu miżjuda mal-punti tal-elementi l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni. B. **Kompetenzi speċifiċi** d) minn 0 sa 60 punt minimu meħtieġ: 30 punt e) minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti C. **Kompetenzi ġenerali** minn 0 sa 80 punt għall-kompetenzi kollha (10 punti għal kull kompetenza) minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza u 40 punt għat-tmien kompetenzi ġenerali kollha.

VII. LISTI TA' RIŻERVA

1. **Kandidati li jiddaħħlu fil-listi ta' riżerva**	Il-bord tal-għażla jdaħħal ismek fil-lista ta' riżerva ([5]) (ara n-numru ta' kandidati magħżula, Taqsima I, punt 1) jekk int tkun wieħed mill-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tat-Taqsima IV.
2. **Klassifika**	Listi stabbiliti skont il-kompetizzjoni, skont il-qasam u f'ordni alfabetiku f'kull qasam.

VIII. KIF TAPPLIKA?

1. **Applikazzjoni elettronika**	Int għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq is-sit internet tal-EPSO, u b'mod speċjali fil-Manwal tal-Applikazzjoni. **Data tal-għeluq (inkluża l-validazzjoni): 9.6.2011 f'12:00 (nofsinhar)**, ħin ta' Brussell
2. **Trażmissjoni tal-fajl ta' applikazzjoni**	**F'fażi ulterjuri** u sakemm tkun wieħed mill-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, int se tintalab tibgħat fajl ta' applikazzjoni komplut (applikazzjoni elettronika ffirmata flimkien ma' dokumenti ta' prova). **Data tal-għeluq:** int se tiġi informat bid-data tal-għeluq, fi żmien xieraq, permezz tal-profil tiegħek tal-EPSO. **Kundizzjonijiet:** ara l-punt 2.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

([5]) Fil-każ fejn fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jiddaħħlu fil-lista ta' riżerva.

ANNESS

EPSO/AD/208/11

ĠURISTI LINGWISTI (AD 7) TAL-LINGWA BULGARA (BG)

1. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi ċċertifikati b'lawrja fil-liġi Bulgara.

Удостоверява се с българска диплома за завършено висше юридическо образование"магистър по право"

Sabiex jiddetermina jekk il-kandidat kisibx livell li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi, il-bord tal-għażla se jikkunsidra r-regoli li kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih tkun inkisbet id-diploma.

2. **Għarfien lingwistiku**

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"	Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"
a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fil-Bulgaru	a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fil-Bulgaru
b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż jew tal-Franċiż	b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Ingliż
c) **lingwa 3 (għandha tkun differenti mil-lingwa 2)** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Ispanjol, il-Franċiż jew it-Taljan	c) **lingwa 3** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż jew tal-Franċiż
Il-lingwa 2 jew il-lingwa 3 għandha tkun il-Franċiż	

3. **Għażla abbażi tal-kwalifiki**

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"

— Esperjenza ppruvata fil-qasam tat-traduzzjoni ġuridika

— Esperjenza professjonali fit-tfassil tat-testi ġuridiċi

— Rilevanza tal-profil lingwistiku tal-kandidat fir-rigward tal-eżiġenzi tal-kopertura lingwistika għall-kompetizzjoni kkonċernata

— Għarfien (iċċertifikat) ta' diversi lingwi uffiċjali tal-Unjoni

Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil tat-testi leġiżlattivi miksuba fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji miksuba fi ħdan ġurisdizzjoni nazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tal-liġi miksuba:
  — f'ditta legali
  — bħala ġurista f'kumpanija
  — fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali jew organizzazzjoni internazzjonali
— Esperjenza fil-qasam tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE
— Studji postuniversitarji f'qasam ġuridiku b'rabta man-natura tal-funzjonijiet
— Lawrja mogħtija għal taħriġ lingwistiku
— Esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni u/jew tar-reviżjoni

EPSO/AD/209/11

ĠURISTI LINGWISTI (AD 7) TAL-LINGWA ESTONJANA (ET)

1. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi ċċertifikati b'lawrja fil-liġi Estonjana.

Akadeemiline kõrgharidus Eesti õiguses (s.o endine bakalaureusekraad õigusteaduses (160 ainepunkti) või sellega võrdsustatud diplom või magistrikraad õigusteaduses (3+2 õppekava).

Sabiex jiddetermina jekk il-kandidat kisibx livell li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi, il-bord tal-għażla se jikkunsidra r-regoli li kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih tkun inkisbet id-diploma.

2. **Għarfien lingwistiku**

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"	**Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"**
a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fl-Estonjan	a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fl-Estonjan
b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Ispanjol, il-Franċiż jew it-Taljan	b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Ingliż
c) **lingwa 3 (għandha tkun differenti mil-lingwa 2):** għarfien fil-fond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali li ġejjin: BG (Bulgaru), CS (Ċek), DA (Daniż), DE (Ġermaniż), EL (Grieg), EN (Ingliż), ES (Spanjol), FI (Finlandiż), FR (Franċiż), GA (Irlandiż), HU (Ungeriż), IT (Taljan), LT (Litwan), LV (Latvjan), MT (Malti), NL (Olandiż), PL (Pollakk), PT (Portugiż), RO (Rumen), SK (Slovakk), SL (Sloven), SV (Svediż).	c) **lingwa 3** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż jew tal-Franċiż
Il-lingwa 2 jew il-lingwa 3 għandha tkun il-Franċiż	

3. **Għażla abbażi tal-kwalifiki**

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"

— Esperjenza ppruvata fil-qasam tat-traduzzjoni ġuridika

— Esperjenza professjonali fit-tfassil tat-testi ġuridiċi

— Rilevanza tal-profil lingwistiku tal-kandidat fir-rigward tal-eżiġenzi tal-kopertura lingwistika għall-kompetizzjoni kkonċernata

— Għarfien (iċċertifikat) ta' diversi lingwi uffiċjali tal-Unjoni

Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil tat-testi leġiżlattivi miksuba fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali
— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji miksuba fi ħdan ġurisdizzjoni nazzjonali
— Esperjenza fil-qasam tal-liġi miksuba:
  — f'ditta legali
  — bħala ġurista f'kumpanija
  — fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali jew organizzazzjoni internazzjonali
— Esperjenza fil-qasam tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE
— Studji postuniversitarji f'qasam ġuridiku b'rabta man-natura tal-funzjonijiet
— Lawrja mogħtija għal taħriġ lingwistiku
— Esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni u/jew tar-reviżjoni

EPSO/AD/210/11

ĠURISTI LINGWISTI (AD 7) TAL-LINGWA UNGERIŻA (HU)

1. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi ċċertifikati b'lawrja fil-liġi Ungeriża.

állam- és jogtudományi egyetemi diploma

Sabiex jiddetermina jekk il-kandidat kisibx livell li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi, il-bord tal-għażla se jikkunsidra r-regoli li kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih tkun inkisbet id-diploma.

2. **Għarfien lingwistiku**

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"	Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"
a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fl-Ungeriż	a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fl-Ungeriż
b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Franċiż	b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Ingliż
c) **lingwa 3** għarfien fil-fond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali li ġejjin: BG (Bulgaru), CS (Ċek), DA (Daniż), DE (Ġermaniż), EL (Grieg), EN (Ingliż), ES (Spanjol), ET (Estonjan), FI (Finlandiż), GA (Irlandiż), IT (Taljan), LT (Litwan), LV (Latvjan), MT (Malti), NL (Olandiż), PL (Pollakk), PT (Portugiż), RO (Rumen), SK (Slovakk), SL (Sloven), SV (Svediż).	c) **lingwa 3** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż jew tal-Franċiż

3. **Għażla abbażi tal-kwalifiki**

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"

— Esperjenza ppruvata fil-qasam tat-traduzzjoni ġuridika

— Esperjenza professjonali fit-tfassil tat-testi ġuridiċi

— Rilevanza tal-profil lingwistiku tal-kandidat fir-rigward tal-eżiġenzi tal-kopertura lingwistika għall-kompetizzjoni kkonċernata

— Għarfien (iċċertifikat) ta' diversi lingwi uffiċjali tal-Unjoni

Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil tat-testi leġiżlattivi miksuba fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji miksuba fi ħdan ġurisdizzjoni nazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tal-liġi miksuba:
  — f'ditta legali
  — bħala ġurista f'kumpanija
  — fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali jew organizzazzjoni internazzjonali
— Esperjenza fil-qasam tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE
— Studji postuniversitarji f'qasam ġuridiku b'rabta man-natura tal-funzjonijiet
— Lawrja mogħtija għal taħriġ lingwistiku
— Esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni u/jew tar-reviżjoni

EPSO/AD/211/11

ĠURISTI LINGWISTI (AD 7) TAL-LINGWA MALTIJA (MT)

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"

1. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi ċċertifikati b'lawrja fil-liġi Maltija.

Doctor of laws (LL.D.), Diploma Notary Public (N.P.), or Diploma Legal Procurator (L.P.)

Sabiex jiddetermina jekk il-kandidat kisibx livell li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi, il-bord tal-għażla se jikkunsidra r-regoli li kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih tkun inkisbet id-diploma.

2. **Għarfien lingwistiku**

a) **lingwa 1**

kompetenza perfetta fil-Malti

b) **lingwa 2**

għarfien fil-fond tal-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Ispanjol, il-Franċiż jew it-Taljan

c) **lingwa 3 (għandha tkun differenti mil-lingwa 2):**

għarfien fil-fond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali li ġejjin:

BG (Bulgaru), CS (Ċek), DA (Daniż), DE (Ġermaniż), EL (Grieg), EN (Ingliż), ES (Spanjol), ET (Estonjan), FI (Finlandiż), FR (Franċiż), GA (Irlandiż), HU (Ungeriż), IT (Taljan), LT (Litwan), LV (Latvjan), NL (Olandiż), PL (Pollakk), PT (Portugiż), RO (Rumen), SK (Slovakk), SL (Sloven), SV (Svediż).

Il-lingwa 2 jew il-lingwa 3 għandha tkun il-Franċiż.

3. **Għażla abbażi tal-kwalifiki**

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

— Esperjenza ppruvata fil-qasam tat-traduzzjoni ġuridika

— Esperjenza professjonali fit-tfassil tat-testi ġuridiċi

— Rilevanza tal-profil lingwistiku tal-kandidat fir-rigward tal-eżiġenzi tal-kopertura lingwistika għall-kompetizzjoni kkonċernata

— Għarfien (iċċertifikat) ta' diversi lingwi uffiċjali tal-Unjoni

EPSO/AD/212/11

ĠURISTI LINGWISTI (AD 7) TAL-LINGWA POLLAKKA (PL)

1. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi ċċertifikati b'lawrja fil-liġi Pollakka jew b'diploma ekwivalenti.

Kandydaci muszą legitymować się wykształceniem odpowiadającym ukończonym studiom prawniczym na poziomie uniwersyteckim w Polsce (magister prawa) lub równoważnym.

Sabiex jiddetermina jekk il-kandidat kisibx livell li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi, il-bord tal-għażla se jikkunsidra r-regoli li kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih tkun inkisbet id-diploma.

2. **Għarfien lingwistiku**

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"	Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"
a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fil-Pollakk	a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fil-Pollakk
b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Franċiż	b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Ingliż.
c) **lingwa 3** għarfien fil-fond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali li ġejjin: BG (Bulgaru), CS (Ċek), DA (Daniż), DE (Ġermaniż), EL (Grieg), EN (Ingliż), ES (Spanjol), ET (Estonjan), FI (Finlandiż), GA (Irlandiż), HU (Ungeriż), IT (Taljan), LT (Litwan), LV (Latvjan), MT (Malti), NL (Olandiż), PT (Portugiż), RO (Rumen), SK (Slovakk), SL (Sloven), SV (Svediż).	c) **lingwa 3** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż jew tal-Franċiż

3. **Għażla abbażi tal-kwalifiki**

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

Qasam "Qorti tal-Ġustizzja"

— Esperjenza ppruvata fil-qasam tat-traduzzjoni ġuridika

— Esperjenza professjonali fit-tfassil tat-testi ġuridiċi

— Rilevanza tal-profil lingwistiku tal-kandidat fir-rigward tal-eżiġenzi tal-kopertura lingwistika għall-kompetizzjoni kkonċernata

— Għarfien (iċċertifikat) ta' diversi lingwi uffiċjali tal-Unjoni

Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil tat-testi leġiżlattivi miksuba fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali
— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji miksuba fi ħdan ġurisdizzjoni nazzjonali
— Esperjenza fil-qasam tal-liġi miksuba:
  — f'ditta legali
  — bħala ġurista f'kumpanija
  — fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali jew organizzazzjoni internazzjonali
— Esperjenza fil-qasam tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE
— Studji postuniversitarji f'qasam ġuridiku b'rabta man-natura tal-funzjonijiet
— Lawrja mogħtija għal taħriġ lingwistiku
— Esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni u/jew tar-reviżjoni

EPSO/AD/213/11

ĠURISTI LINGWISTI (AD 7) TAL-LINGWA SLOVENA (SL)

Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"

1. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi ċċertifikati b'lawrja fil-liġi Slovena.

Slovenska univerzitetna izobrazba pravne smeri s strokovnim naslovom "univerzitetni diplomirani pravnik"

Sabiex jiddetermina jekk il-kandidat kisibx livell li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi, il-bord tal-għażla se jikkunsidra r-regoli li kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih tkun inkisbet id-diploma.

2. **Għarfien lingwistiku**

a) **lingwa 1**

kompetenza perfetta fl-Isloven

b) **lingwa 2**

għarfien fil-fond tal-Ingliż.

c) **lingwa 3**

għarfien fil-fond tal-Ġermaniż, il-Franċiż jew it-Taljan

3. **Għażla abbażi tal-kwalifiki**

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil tat-testi leġiżlattivi miksuba fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji miksuba fi ħdan ġurisdizzjoni nazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tal-liġi miksuba:

  — f'ditta legali

  — bħala ġurista f'kumpanija

  — fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali jew organizzazzjoni internazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE

— Studji postuniversitarji f'qasam ġuridiku b'rabta man-natura tal-funzjonijiet

— Lawrja mogħtija għal taħriġ lingwistiku

— Esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni u/jew tar-reviżjoni

EPSO/AD/214/11

ĠURISTI LINGWISTI (AD 7) TAL-LINGWA SVEDIŻA (SV)

1. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi ċċertifikati b'lawrja fil-liġi Svediża jew b'diploma ekwivalenti.

Juridisk universitetsutbildning på svenska: jur.kand.-examen, juristexamen eller motsvarande.

Sabiex jiddetermina jekk il-kandidat kisibx livell li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi, il-bord tal-għażla se jikkunsidra r-regoli li kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih tkun inkisbet id-diploma.

2. **Għarfien lingwistiku**

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"	Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"
a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fl-Isvediż	a) **lingwa 1** kompetenza perfetta fl-Isvediż
b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Franċiż	b) **lingwa 2** għarfien fil-fond tal-Ingliż.
c) **lingwa 3** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Ispanjol jew it-Taljan	c) **lingwa 3** għarfien fil-fond tal-Ġermaniż jew tal-Franċiż

3. **Għażla abbażi tal-kwalifiki**

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

Qasam "il-Qorti tal-Ġustizzja"

— Esperjenza ppruvata fil-qasam tat-traduzzjoni ġuridika

— Esperjenza professjonali fit-tfassil tat-testi ġuridiċi

— Rilevanza tal-profil lingwistiku tal-kandidat fir-rigward tal-eżiġenzi tal-kopertura lingwistika għall-kompetizzjoni kkonċernata

— Għarfien (iċċertifikat) ta' diversi lingwi uffiċjali tal-Unjoni

Qasam "il-Parlament/il-Kunsill"

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil tat-testi leġiżlattivi miksuba fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tat-tfassil ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji miksuba fi ħdan ġurisdizzjoni nazzjonali

— Esperjenza fil-qasam tal-liġi miksuba:

  — f'ditta legali

  - bħala ġurista f'kumpanija
  - fi ħdan amministrazzjoni nazzjonali jew organizzazzjoni internazzjonali
- Esperjenza fil-qasam tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE
- Studji postuniversitarji f'qasam ġuridiku b'rabta man-natura tal-funzjonijiet
- Lawrja mogħtija għal taħriġ lingwistiku
- Esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni u/jew tar-reviżjoni

REVIŻJONI TAL-ĠU C A "KOMPETIZZJONI"

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.
Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

19	(PL)
24	
35	(DE/EN/FR)
37	(PL/RO)
60	
68	
76	(DE/EN/FR)
82	
91	
98	
114	(DA)
121	(DA)
122	
135	
140	(BG/ET/HU/MT/PL/SL/SV)

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess direct u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT